

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2015/C 324/12)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Greċja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u l-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-2 euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Il-Greċja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: 75 snin b'tifkira ta' Spyros Louis

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri lil Spyros Louis u t-tazza li biha ġie ppremjat, bil-Panathenaic Stadium fl-isfond. Imnaqqxin tul ix-xifer tan-naħa ta' ġewwa jinsab il-pajjiż li qed joħroġ il-munita "REPUBBLIKA ELLENIKA" u "75 SENA B'TIFKIRA TA' SPYROS LOUIS" (bil-Grieg). Fuq it-tazza tidher is-sena tal-ħruġ "2015" u fuq il-lemin hemm palmetta (il-marka taz-Zekka Griega). Fil-qiegħ tad-disinn tidher il-monogramma tal-artist (George Stamatopoulos).

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 750 000

Data tal-ħruġ: It-tielet kwart tal-2015.

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).